# IL-FESTI KBAR LI SARU FL-IMQABBA GĦALL-WASLA TAL-MARTRI SAN INNOĊENZU

## Ġrajja tal-1779 li ma għandha tintesa qatt

Kitba tal-Kan. Jos. Bonello



Naf li ġewwa l-Imqabba kien hemm devozzjoni speċjali lejn San Innoċenzu; tant li ħafna mir-raħal jisimhom Innoċenz; niftakar lil Mons Innoċenz Zammit li kien il-Kappillan ta' l-Imsida. Żgur għalhekk li ħafna Mqabbin jieħdu pjaċir ikunu jafu x'festi sbieħ saru fl-Imqabba meta wasal fosthom il-Martri S. Innoċenzu. F"dan l-artiklu ser niflu deskrizzjoni nteressanti li jiena sibt fil-Kurja ta' l-Arċisqof il-Furjana, miġbur mill-ex-Kappillan ta' l-Imqabba Dun Gerard Mangion minn diversi dokumenti qodma.

Dan il-Korp tal-Martri San Innoċenzu li llum jinsab f'artal tal-Kor tal-Parroċċa sa qabel il-gwerra kien qiegħed fl-artal tal-Kunċizzjoni u kellu devozzjoni kbira mhux biss minn nies tar-raħal iżda wkoll mill-irħula viċini. Dan il-famuż korp ġie meħud mill-oqbra taċ-Ċimiterju ta' San Lawrenz f'Ruma, fejn kienu midfuna għadd sabiħ ta' l-ewwel martri tal-Knisja tagħna. B'digriet ta' l-Arċisqof ta' Malta tat-3 ta' Settembru 1779 dan il-Korp ġie mogħti lill-Parroċċa ta' l-Imqabba. Kien saċerdot Bormliż, Dun Salv La Corte Pajas li ħallas l-ispejjeż kollha biex dan il-qaddis martri jiġi mlibbes, u ddekorat b'ilbies sabiħ li kellu.

Fis-16 ta' Settembru 1779, erba' saċerdoti mill-Imqabba flimkien ma' għadd kbir ta' Imqabbin, x'uħud idoqqu strumenti mużikali, fost l-entużjażmu kbir marru l-Belt Valletta. Hawnhekk is-saċerdoti flimkien ma' erba' saċerdoti oħra minn Bormla ttrasportaw fost kant ta' ferħ u entużjażmu l-Martri San Innoċenzu lejn l-Imqabba. Malli l-Purċissjoni waslet viċin ir-raħal, il-qniepen kollha bdew idoqqu, sparaw il-maskli u saret musketterija. Il-Martri San Innoċenzu tpoġġa fil-knisja żgħira ta' San Ġwann Evanġelista li tinsab f'tarf ta' l-Imqabba.

Fis-26 ta' Ottubru ta' l-istess sena 1779, saret id-daħla trijonfali ta' S. Innoċenzu fl-Imqabba, meta mill-knisja ta' San Gwann Evanġelista saret purċissjoni grandjuża sal-Parroċċa. Dak il-jum fl-Imqabba saret festa kbira. Fil-purċissjoni ħadu sehem għadd kbir ta' saċerdoti, ħafna fratelli mhux biss mir-raħal, iżda wkoll ta' rħula viċini u għadd kbir ta' Maltin.

Tant kienet twila l-Purċissjoni li waqt li l-Korp ta' San Innoċenzu kien għadu fil-knisja ta' S. Ġwann Evanġelista, il-fratelli kienu diġà waslu fil-knisja Parrokkjali. Saru tlitt ijiem Tridu b'quddiesa kantata kuljum, u ħafna kienu dawk mhux biss mill-Imqabba, iżda minn Malta kollha (ex tota Insula) li ġew jagħmlu vista lil S. Innoċenzju u jitolbu grazzi.

Tant kibret id-devozzjoni lejn San Innoċenz li l-Papa Gregorju VII ta Indulġenza Plenarja lil kull min jinvista il-Martri, lejliet, nhar il-festa u wkoll fost l-Ottava. Dnub li din id-devozzjoni llum kważi ġiet fix-xejn.

It-test sħiħ tad-Dokument bil-Latin jgħid hekk:

*AD FUTURAM REI MEMORIAM - Adventus gloriosi Martyris Sancti Innocentii in pagum Micabibae brevis destriptio a Parocho Mangion Gerhardo ex variis fontibus Nausta.*

*Sanctum corpus Martyris Innocentii, quod in altare B.M. Immac. Conceptionis in Micabibae Ecclesia Parocciali erecto, tempore belli novissimi adhuc conservabatur, e Sancti Laurentii Coemeterio Romae exhumatum, Provi dentia divina, ab Eccellentesmo ac Revmo Melitae Episcopo, per rescriptum diei tertio Septembris 1779 Micabibae Parveciae concessum fuit. Cujus gloriose Corporis ornatus ac vestimenta expensis Revdi Dni Salvatoris La Corte Pajas, Cospicuensis, amore erga Sanctum imbuti, provisa fuerunt. Die decimasixta Septembris 1779, quator ex sacerdotibus Micabibae, magno cum populi concursu ac cum aliquot musici concentus sonatoribus, laetiteae gaudiique plenis, in Civitatem Vallettam se contulerunt qui, simul cum aliis quatuor sacerdotibus e Civitate Cospicua, e Civitate Valletta Sanctum Corpus ad Micabibam transtulerant. Dum Micabibam Sanctum Corpus appropinquabat, omnes Ecclesiae Paroccialis campanae more festivo pulsabantur et in Ecclesiam ruralem Sancti Joannis Evangelistae in finibus Micabibae, quae adhuc extat, positum fuit. Die 26 octobris ejusdem anni, Sancti Corporis transalatio sollemmnis, ab hac Ecclesia rurali ad Ecclesiam Parroccialem locum habuit, pluribus sacerdotibus, Confraternitatum sodalibus et incolis comitantibus, ita ut, sibi vult traditio, dum adhuc Corpus in Ecclesia rurali erat, processio Ecclesiam Parrecialem tangebat. Translatione peracta, per vito dies nagnae sollemnitates persolutae sunt ad quas, praeter pagi incelae, multi ex Insula, devotione in Sanctum impulsi, per venerunt quotid. Die 26 augusti 1838, Gregorius Papa VII Indulgentiam Plenariam totus quoties a sero Festi Vigiliae per totam Octavam in serpeteium concessit, assuetis conditionibus lucrandam.*

*Micabibae, die 30 novembris 1945*